MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 3

13 ta' Mejju 2013

Minuti tas-seduta Nru. 3 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2013

**PREŻENTI**

Il-Kunsillieri kollha.

**TALBA**

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

**RINGRAZZJAMENT**

Fil-bidu tas-seduta, il-Kunsillier H. Fenech irringrazzja lill-membri u l-impjegati tal-Kunsill għas-solidarjeta` murija wara l-mewt ta' Herman Van der Weerden, missier il-mara tiegħu li ġrat fl-20 ta' April 2013.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 2.1.3. **(Ref: K/1/5/Vol V)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"2.1.3. Is-Sur C. Bartolo qal li l-prezz tal-biljetti tal-ajru huwa €295 u kull persuna li ma tiffurmax parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill ser tkun sussidjata €195 fuq kull biljett. Għarraf ukoll li ser ikun hemm familjari oħra li ser jakkumpanjaw il-grupp li ser iħallsu l-prezz sħiħ. L-ispiża totali għall-Kunsill fuq il-biljetti tal-ajru tammonta €1,860. Il-Kunsillier H. Fenech qal li huwa kien telaq qabel il-grupp u kien qata' biljett tar-Ryanair li l-prezz tiegħu kien €117.26, iżda li ma kienx dirett lejn il-Ġermanja u fil-fatt Malta/Dublin/Frankfurt.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 2, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Maniġġ ta' traffiku fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri (T/3/2/Vol X)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. tas-Seduta preċedenti. Kompla jgħid illi wara li tressqu l-proposti tal-Kunsill, Transport Malta staqsew liema ser ikunu r-rotot alternattivi, kemm-il darba Triq Mons. Ġużeppi Schembri ssir *one-way*. Il-Kunsill ġie mistoqsi wkoll dwar jekk kienx hemm konsultazzjoni mar-residenti b'mod partikulari dawk li joqgħodu fiż-żona Ta' Pennellu.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-rotot alternattivi jkunu l-istess toroq li kien hemm qabel infetħet Triq Mons. Ġużeppi Schembri. Ġie osservat ukoll li l-aktar illi saret pressjoni sabiex jiġi ntrodott l-arranġament kien proprju minn xi residenti Ta' Pennellu stess, wara li ġie osservat tal-periklu li nħoloq.

## 2.2.1. Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa, flimkien mal-Kunsillier H. Fenech, iltaqgħu nformalment mal-għaqdiet sportivi li qed jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-*multi-purpose*. Is-Sur H. Fenech spjega li din il-laqgħa kienet tinvolvi diskussjoni fuq skeda ta' kif għandu jitqassam il-ħin għall-użu tal-*court*. Ġiet diskussa wkoll il-possibilta` li l-*court* u l-korsa jinkrew lil lukandi tal-Mellieħa.

2.2.3. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li l-Park tal-Familja qed ikun problematiku f'dik li hija sorveljanza, partikularment minħabba l-ammont ta' nies li qed jiffrekwentawħ, tant li aktar ma jmur qed tinħass il-ħtieġa li jkun hemm kustodju li jieħu ħsieb id-*dressing rooms* u l-latrini, kif ukoll biex jissorvelja l-medda kollha tal-park biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-faċilitajiet, kif ukoll il-vandaliżmu.

2.2.4. Is-Segretarju ressaq abbozz ta' kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi fil-minuta 2.2.3. li jkopri:

| | |
|---|---|
| i. | Spezzjoni tal-latrina pubblika sabiex jiġi żgurat li din tinżamm fi stat ta' ndafa tajjeb.. |
| ii. | Tindif ta' aperturi u *partitions* li hemm fil-latrina pubblika.. |
| iii. | Ħasil tad-WC's, sinkijiet fil-latrina pubblika. |
| iv. | Jipprovdi *toiletries*, deterġenti eċċ. |
| v. | Superviżjoni kontinwa fuq il-medda sħiħa tal-Park. |
| vi. | Tbattil ta' *litter bins*. |
| vii. | Tneħħija ta' skart mill-passaġġi. |
| viii. | Tneħħija ta' ħaxix ħażin fil-passaġġi. |
| ix. | Tiswija ta' ħsarat żgħar permezz ta' materjal ipprovdut mill-Kunsill. |
| x. | Servizzi addizzjonali meħtieġa minn żmien għal żmien relatati mad-*dress rooms* li m'humiex aċċessibbli għall-pubbliku. |

2.2.5. Ġie spjegat li l-abbozz jipprovdi li l-ħinijiet matul is-sena jkunu mqassma hekk:

| | **Novembru sa Marzu** | **April sa Mejju** | **Ġunju sa Ottubru** |
|---|---|---|---|
| **Mit-Tnejn sal-Ġimgħa** | 1600-2000 | 1600-2100 | 1800-2300 |
| **Is-Sibtijiet** | 1000-2000 | 1000-2100 | 1800-2300 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Ħdud u Btajjel Pubbliċi** | 1000-2000 | 1000-2100 | 1800-2300 |
| **Total ta' Siegħat fil-Ġimgħa** | 30 | 47 | 35 |

Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li qed jintalbu rati ta' ħlas fis-siegħa separatament għal matul il-ġimgħa, is-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel pubbliċi, f'każ li dawn ikunu meħtieġa.

2.2.6. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li għandha tidħol klawsola li tobbliga lill-kustodju li jirrapporta nuqqasijiet li jkun hemm fil-Park, partikularment ħsarat u attrezzi li ma jkunux qed jiffunzjanaw tajjeb.

2.2.7. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ssuġġerixxa wkoll li jkun hemm klawsola illi tipprojbixxi l-aċċetazzjoni ta' għotjiet lill-kustodju waqt il-qadi ta' dmirijietu taħt dan il-kuntratt. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dan hemm pprovdut għaliħ taħt il-Klawsola 31 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Kuntratt.

2.2.8. Is-Segretarju aċċenna li fl-Estimi 2013 m'hemmx fondi għall-iffinanzjar ta' dan il-kuntratt, iżda bassar li fir-rigward ta' infieq kapitali (kont 7509), ikun hemm fondi biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal dan is-servizz.

2.2.9. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa offerti.

2.2.10. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li, permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2013, is-Sur Alden Grima, irrefera għal esproprjazzjoni ta' art agrikola biex ġie żviluppat il-Park tal-Familja u lmenta li minkejja stima li kienet ġiet imressqa mill-Aġenzija tal-Pagamenti lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, il-kumpens mitlub baqa' ma ngħatax mill-Kunsill.

2.2.11. Il-Kunsill osserva li l-ammont mitlub mis-Sur Grima ta' €7,974.60, huwa wieħed sostanzjali. Għalkemm il-Kunsill jemmen li għandu jingħata kumpens mitlub, min-naħa l-oħra ma jistax jibqa' jikkonsidra t-talba fin-nuqqas ta' aktar dokumentazzjoni, bħalma huma ritratti tal-prodotti ndikati fl-istima, eċċ. Ġie osservat ukoll li l-ebda uffiċjal mill-Kunsill ma kien preżenti jew ġie kkonsultat meta saret l-istima fuq dak li ġie osservat fuq il-post.

2.2.12. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsillier H. Fenech ippropona li jinħoloq spazju għal min imur hemmhekk bil-*pets*. Dan sabiex jiġi evitat li dawn iħammġu partijiet oħra tal-park, partikularment meta wieħed idum f'dan il-post.

## 2.3.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol III)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-ħarġa tal-*Vanity, Profanity and Worship - Jewellery from the Maltese Islands Exhibition* li saret fit-30 ta' April 2013 attendew għaliha 44 persuna, li bejniethom ħallsu €440. L-ispejjeż tad-dħul għall-wirja, *refreshments* u trasport ammontaw €448. Id-differenza tħallset mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini. Hija kkummentat ukoll li l-wirja ġiet apprezzata ħafna minn kull min attenda.

2.3.3. L-istess kunsilliera kompliet billi ppproponiet li l-ħarġa li jmiss issir bil-kollaborazzjoni mal-MEUSAC li qed torganizza żjarat għal proġetti li jkunu ġew iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Fost dawn hemm il-Maypole Bakery, il-fabbrika Mediterranean Ceramics u oħrajn.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta mressqa fil-minuta 2.3.3.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/04/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/04/13 – 03/05/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash*;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;

- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Offerti – Sejħa Nru. 1/2013 – Xi ta' Poloz ta' Assikurazzjoni
- Minuti – Laqgħa għar-Residenti tal-Manikata – 18/04/13
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 29/04/13

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett għaż-żgħażagħ fir-Repubblika Ċeka (A/2/Vol XI)

4.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sejħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jintgħażlu sitt żgħażagħ ħalli jipparteċipaw fi proġett fir-Repubblika Ċeka bl-isem *New Youth in Action Project*. Skeda tax-xogħol li jrid isir ġiet mgħoddi mas-sejħa. Is-sejħa tagħlaq fil-31 ta' Mejju u l-proġett huwa ppjanat li jseħħ f'Pilhrimow, bejn il-15 u l-20 ta' Lulju 2013.

4.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li jipproponi lis-Sur Gabriel Micallef, li huwa żgħażugħ li kkontesta l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-2013.

### 4.2.1. Malta Jazz Festival (A/5/5/Vol VII)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 26 ta' April 2013, mibgħut mill-Jazz Fringe li ġew inkarigati mill-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti sabiex jorganizzaw il-Malta Jazz Festival. Bħala parti minn dan l-avveniment l-organizzaturi qed jipproponu li jsir kunċert fil-Mellieħa. Qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll jinkisbu l-permessi mill-Pulizija u provista' tal-elettriku. Il-kunċert huwa skedat għas-16 ta' Lulju 2013, bejn it-8.00pm u l-11.00pm.

4.2.3. Is-Sindku għarraf li tkellem mal-organizzaturi, li min-naħa tagħhom talbu wkoll sabiex il-Kunsill jipprovdi 150 siġġu għall-istess attivita`.

4.2.4. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.3.1. Assenjar ta' Uffiċjal mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (P/7/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 8 ta' Marzu 2013, mibgħut mid-Direttur tal-Informazzjoni dwar l-assenjar ta' uffiċjal minn dak id-Dipartiment, li beda mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fit-12 ta' April 2011. Fl-istess *e-mail* intqal ukoll li kemm-il darba, il-Kunsill jirrikjedi s-servizzi tiegħu, għandu jkopri s-salarju tiegħu b'effett mit-13 ta' Mejju 2013, liema salarju jammonta €15,461.50 fis-sena.

4.3.3. Is-Sindku għarraf li saru rappreżentazzjonijiet verbali mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex ikompli l-assenjar tas-Sur Borg li nbeda fit-12 ta' April 2011. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa qed jistenna deċiżjoni wara l-kuntatti li huwa għamel.

4.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Periklu fi Triq Santa Marija k/m Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol X)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Mejju 2013, mibgħuta minn mis-Sur Carmelo Bartolo, fejn ġibed l-attenzjoni għall-ħsara li ġiet ikkawżata fil-proprjeta` tiegħu fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri, kif ukoll għall-periklu li jeżisti għal min ikun tielgħa minn Triq il-Kappillan Magri biex jaqsam għal Triq il-Muna. Għalhekk huwa ppropona li:

(a) Titneħħa l-ewwel *parking bay* li hemm fi Triq Santa Marija; u li

(b) Issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintlaqgħa t-talba (a), filwaqt kien tal-fehma li *pedestrian crossing* qrib ħafna l-kantuniera ma' Triq il-Muna tkun perikoluża.

### 4.5.1. Partecipazzjoni fl-*International Wildlife Research Week* (S/6/Vol IV)

4.5.2. Saret referenza għal *e-mail* mibgħut min-National Students Travel Foundation illi ser jibgħatu tliet student mill-Junior College sabiex jieħdu sehem fl-avveniment imsemmi li ser isir fl-Iżvizzera bejn it-22 u 29 ta' Ġunju 2013. Filwaqt li l-Fondazzjoni ser tkopri l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni, appellaw sabiex il-Kunsill jgħin billi jkopri l-ispejjeż tal-vjaġġ

(€200) ta' waħda mill-istudenti li hija mill-Mellieħa – Laura Calleja ta' Grovenor House, Flat 6, Triq is-Sagħtar. Il-bqija tal-ispejjeż iridu jagħmlu tajjeb għalihom l-istudenti.

4.5.3. Il-Kunsill laqa' dan l-appell iżda talab li jingħata kopja tal-istudju lit kun għamlet l-istudenti msemmija, kif ukoll li t-talba tiġi kkonfermata mill-amministrazzjoni tal-Junior College.

### 4.6.1. Parkeġġ riżervat għal persuni b'diżabilita` fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/8/2/Vol IV)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 24 ta' April 2013, mibgħut mis-Sinjura Connie Mifsud, fejn ilmentat li vetturi li joħorġu mir-*reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilita` qed joħolqu periklu għal minn juża il-bankina.

4.6.3. Kien hemm kunsillieri li esprimew l-oġġezzjoni tagħhom għal din it-talba, peress li m'hemmx post aħjar fil-qrib li jista' jakkomoda din il-faċilita` b'mod siġur għall-istess persuni li jagħmlu użu minnu. L-istess kunsillieri tennew li t-talba tirriżulta minn pressjoni li qed jagħmel wieħed mis-sidien tan-negozji li jopera fl-istess post.

4.6.4. Is-Sindku ppropona li r-*reserved bay* tista' tiġi spusstjata għal Triq il-Kbira qrib il-kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima.

4.6.5. Wara aktar dikussjoni, il-Kunsill qabel li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` u Transport Malta għandhom jintalbu jikkonsidraw li r-*reserved bay* tmur fi Triq Sant' Anna kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima. Il-Kunsill qabel ukoll li jitwaħħlu *bollards* fid-daħla tal-pjazzetta fejn kien hemm l-*area* riżervata.

### 4.7.1. Laqgħa mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (K/3)

4.7.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Mejju 2013, mibgħut mill-għaqda msemmija fejn talbu sabiex issir laqgħa mal-Kunsill.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fl-20 ta' Mejju 2013 fis-7.30pm.

### 4.8.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent (T/6/1/Vol III)(A/5/3/Vol IX)

4.8.2. Saret referenza e-mail datata 2 ta' Mejju 2013, mibgħuta minn Ocean Mysteries Diving fejn talba l-għajnuna tal-Kunsill biex issir tindif ta' qiegħ il-baħar fil-bajjiet imsemmija.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi pprovduta *skip* sabiex jitqiegħed fiha l-materjal li jinġabar. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir proposta sabiex l-attivita` issir nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju 2013, meta l-Kunsill ser ikun qed ifakkar Jum l-Ambjent.

4.8.4. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li l-attivita` ewlenija sseħħ fi Ġnien il-Qigħan, filwaqt li hemm il-possibilta` li ssir sessjoni ta' tħawwil ta' siġar fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate. Hemm l-intenzjoni wkoll li jsir tindif ta' xi post storiku fil-lokalita`.

4.8.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 4.9.1. Attivita` fir-Ramla tal-Mixquqa – Ducati Group (A/6/3/2 Vol 38)

4.9.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 13 ta' Mejju 2013, mibgħuta mill-Island Hotels, fejn talbu permess sabiex jużaw ir-ramla msemmija bil-għan li jtellgħu attivitajiet għal grupp ta' 1,000 persuni li hemm possibilta` jiġu ospitati fil-Lukanda Golden Sands.

4.9.3. Meta tqies iż-żmien indikat, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-użu parzjali tar-ramla.

### 4.10.1. Kunċert mir-Royal Marines Association Concert Band (A/5/5/Vol VII)

4.10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal korrispondenza li rċieva mingħand kuntatti li l-banda msemmija għandha f'Malta. Huwa qal li l-istess banda qed tfassal programm ta' żjara f'Malta, bejn il-25 u l-31 ta' Mejju 2014, fejn ser tgħati numru ta' kunċerti. Huwa ppropona sabiex il-Mellieħa tidħol fl-itinerarju.

4.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**4.11.1. Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2013 (F/5)**

4.11.2. Il-Kusilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal *e-mail* mibgħut mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sabiex jieħu sehem fil-fiera msemmija. Il-Kunsill ġie mistieden ukoll sabiex jibgħat rappreżentant għal laqgħa ta' informazzjoni li ser issir fit-13 ta' Mejju 2013, liema laqgħat attendiet għaliha is-Sinjura Brincat Stellini.

4.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

**4.12.1. Taħditiet dwar kura preventiva (M/8/Vol II)**

4.12.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal *e-mail* datat 28 ta' Marzu 2013, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn għarraf li d-Dipartiment tal-Kura Primarja għandu l-intenzjoni li jagħmel taħditiet dwar testijiet għall-kanċer tas-sider u tal-musrana, bil-kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Kompla jgħid li kemm-il darba l-Kunsill ikun interessat, id-Dipartiment jinkludi l-Mellieħa fit-tielet ġimgħa ta' Lulju 2013.

4.12.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru t-taħdiet imsemmija.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Mejju 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-9 ta' April u 9 ta' Mejju 2013.

6.3. Tresset ukoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn is-6 ta' Marzu u s-16 ta' April 2013.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

**7.1. Tħejjijiet għall-attivita` Animal Fest 2013 (A/5/3/Vol X)**

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf illi l-attivita` li qabel kienet Animal Fest ser tingħata bixra ġdida billi jidħlu attrazzjoni oħra minbarra l-annimali u tjur u għalhekk inbidlilha l-isem ukoll għal Festa Familja. Fil-fatt fl-edizzjoni ta' nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2013 ser ikun hemm għal wiri vetturi kollettibbli, divertiment għat-tfal u *stands* tal-ikel.

7.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

8.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ġiet posposta għas-seduta li jmiss.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Clayton Bartolo, li tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (1/2013) dwar ix-xiri ta' poloz ta' assikurazzjoni skont kif provdut fir-Regolament 35 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), liema sejħa saret skont l-proċedura stabblilita fl-Artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2013 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3030;**

**Jirriżolvi illi wara l-evalwazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* skont ma jidher fil-minuti tal-laqgħa li saret fid-29 ta' April 2013, kif ukoll fid-dawl tal-kjarifiki li ntalbu mingħand l-offerenti li ġew *shortlisted*, għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u bil-għan li jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv ma' Mediterranean Insurance Brokers Ltd, għall-perjodu ta' ħames snin, b'effett mill-25 ta' Mejju 2013, skont ir-rati kkwotati fid-dokument tal-offerta rispettiv.". (K/1/4/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tad-29 ta' April 2013, fejn saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd, minħabba l-vantaġġi li offrew mqabbla ma' dawk ta' Allcare Insurance.

9.3. Is-Sur C. Debono qal li minkejja dan, il-Bord dehrlu li għandu jitlob kjarifi mingħand Allcare Insurance dwar it-territorju kopert bil-polza tal-*Public Liability* offruta. Dawn wieġbu li din hija limitata għall-konfini tal-Mellieħa biss. Wieġbu wkoll li kull riskju relatat ma' attivitajiet sportivi huwa eskluż.

9.4. Min-naħa l-oħra Mediterrean Insurance Brokers iċċaraw li l-polza tal-*Public Liability* tkopri l-Gżejjer Maltin, sakemm il-Kunsill jinforma lill-kumpanija dwar attivitajiet li ser ikunu jseħħu 'il barra mill-konfini.

9.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li t-tweġibiet moħtija ġew mgħoddija lill-membri tal-*Adjudication Board*, fejn tlieta minnhom wieġbu li huma jikkonfermaw ir-rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-Mediterranean Insurance Brokers Ltd.

9.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekonda mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 10.1. Ħannieqa Kotba Melleħin (P/3/5)

10.2. Is-Sindku ppropona li l-pubblikazzjoni illi jmiss fis-sensiela Ħannieqa Kotba Melleħin ikun il-materjal miġbur mis-Sur Charles Debono dwar bini militari ta' żmien l-Ingliżi fil-Mellieħa.

10.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta u talab li jinbdew l-kuntatti mal-awtur bil-għan li jintalbu stimi dwar l-issettjar u l-istampar tal-materjal involut. Il-Kunsill qabel ukoll li l-illustrazzjonijiet ma jkunux bil-kulur.

## 11.1. Attrazzjonijiet f'postijiet pubbliċi (A/5/5/Vol IV)

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li artisti u mużiċisti Melleħin, jew anke minn lokalitajiet oħra u barranin, jiġu mħajra jpittru, idoqqu jew joffru xi forma ta' spettaklu ieħor. Dan jista' jsir f'postijiet pubbliċi, bħalma huma Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Misraħ il-Parroċċa u postijiet oħra fejn normalment jinġabru n-nies.

11.3. Il-Kunsill aċċetta s-suġġeriment.

## 12.1. Laqgħa mal-MEUSAC (P/10/1/Vol III)

12.2. Il-Kunsillieri Annabelle Brincat Stellini u P. Cutajar qal li l-MEUSAC qed jindikaw li teżisti possibilta` ta' finanzjament ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea li jvarjaw minn titjib urban, żgħażagħ u ġemellaġġi bejn lokalitajiet.

12.3. Ittieħdet nota sabiex jintalab appuntament.

## 13.1. Titjib fiċ-ċimiterji (C/7)

13.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li ċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena jirrikjedi tneħħija ta' ħaxix u jinkines. Kompla jgħid li fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji jeħtieġ li jitkaħħlu l-ħitan tal-kappella.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rapprezentazzjonijiet mal-Ispettur Sanitarju fid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali, responsabbli miċ-ċimiterji.

## 14.1. Sotto-Kumitat Ambjent u Affarijiet Rurali / Wirt Storiku (K/2/Vol III)

14.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li fid-dawl tar-responsabilitajiet fdati lilu, jitwaqqfu żewġ sotto-kumitat li jkunu komposti kif jidher hawn taħt:

<u>Sotto-Kumitat Ambjent u Wirt Storiku:</u>

- Melchior Vella;
- Tony Vella;
- Ivan Cutajar; u
- Joseph Aquilina

Sotto-Kumitat Wirt Storiku:

- Simon Mifsud;
- Anthony Valletta; u
- Charles Debono.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 15.1. Proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ser iressaq proġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ li jinvolvi l-ħolqien ta' *bicycles tracks* fil-lokalita`, filwaqt li l-Kunsill jislef roti biex ikunu jistgħu jiġu segwiti l-istess *tracks*. Il-KNŻ jrid jagħżel l-aħjar tliet proġetti, li l-valur tagħhom ma jkunx jaqbeż €10,000, b'€7,500 jinħarġu mill-KNŻ u €2,500 jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

15.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva li qed ttittieħed.

## 16.1. Magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf illi l-ħarġa li jmiss hija ppjanata li tiġi ppubblikata lejn l-aħħar ta' Ġunju 2013.

16.3. Il-Kunsill ħa nota sabiex ikun jista' jinġabar il-materjal.

## 17.1. Flejjes dovuti lill-Kunsill (P/4/27)(P/4/28)

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – Onor. Jose` Herrera – ippreżenta żewġ ċekkijiet b'rabta mal-installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono (€3,300) u l-aħħar pagament mill-għotja relatata mal-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (€35,558).

17.3. Is-Segretarju fakkar illi ammonti li għadhom dovuti lill-Kunsill jinvolvi l-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA. Dawn huma €14,745 fuq Ġnien Ħidmet il-Volontarjat u €77,912 marbuta mal-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Festival Internazzjonali tal-Baned (A/5/3/4)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li nbdew kuntatti bil-għan li jwasslu għall-organizzazzjoni tal-avveniment imsemmi bl-involviment ta' madwar 300 bandist mill-Ingilterra, fost pajjiżi oħra. Is-Sur C. Bartolo kompla jgħid li qed jiġu kkunsidrati dati bejn il-5 u d-9 ta' April, jew bejn it-12 u 16 ta' April 2014. L-iktar dati addattati għall-baned Ingliżi ikun bejn il-5 u d-9 ta' April, meta t-tfal ikollhom il-vakanzi tal-Għid.

18.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva li qed tittieħed filwaqt li talab aktar tagħrif dwar l-involviment finanzjarju tiegħu.

## 19.1. Użu ta' faċilitajiet fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol IV)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi infermiera u *staff* ieħor f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa sabiex jingħataw permess jużaw l-faċilitajiet li ġew ipprovduti mill-Kunsill fil-gymnasium.

19.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li jintużaw l-attrezzi pprovduti minnu.

## 20.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2013 (F/1/7/Vol III)

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li permezz ta' Memo 9/2013 datat 12 ta' April 2013 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, id-Dipartiment tal-Kummerċ reġa nieda l-premjijiet imsemmija. Kompla jgħid li ġiet sottomessa n-nomina tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, permezz ta' diversi inizjattivi li diġa ttieħdu u oħrajn li huma ppjanti. Dawn jinkludu:

- Organizzazzjoni ta' attivitajiet folkloristiċi;
- Attivitajiet popolari;
- Festival Internazzjonali tal-Baned;

- Koperazzjoni mal-għaqdiet ibbażati fil-lokalita`;
- Tiġdid tal-ġemellaġġi li l-Mellieħa għandha ma' tliet lokalitajiet barranin;
- Organizzazzjoni ta' konferenzi; u
- *Public private partnership* bejn lukandiera, għaqdiet ambjentali u produtturi ta' ikel tradizzjonali Malti.

20.3. Filwaqt li l-Kunsill innota li s-sejħa kienet tagħlaq fit-13 ta' Mejju 2013, approva l-azzjoni li ttieħdet.

**21.1. *Public Private Partnership* (P/11)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li għaddejjin kuntatti dwar il-possibilta` li l-Kunsill jissieħeb f'*Public Private Partnership* mal-lukanda Golden Sands li toffri *time-share,* kif ukoll mal-Fondazzjoni GAIA, bil-għan li jinħoloq Suq Artiġjanali (*Artisan Market*) fir-Ramla tal-Mixquqa. L-iskop huwa li f'dan is-suq ikunu nvoluti wkoll produtturi u artiġjani mil-lokalita` bi prodotti tipiċi u tradizzjonali. Għan ieħor huwa li joffri spazju lil produtturi oħra Maltin sabiex juru u jbiegħu x-xogħol tagħhom lit-turisti.

21.3. Huwa maħsub li x-xogħol kollu infrastrutturali sabiex jinbena dan is-suq jingħata lil nies tas-sengħa Melleħin. L-għan wara t-twaqqif ta' dan is-suq ikun li prodotti magħmula kollha kemm huma lokalment jinbiegħu lit-turist li jkunu fuq btala f'Malta u tinħoloq l-opportunità li l-prodotti lokali joħorġu anke barra mill-pajjiż u b'hekk il-produtturi lokali jkollhom l-opportunita` li jkabbru n-negozju tagħhom.

21.4. Il-Kunsill innota u approva l-kuntatti li qed isiru, filwaqt li talab aktar dettalji dwar l-involviment li qed jiġi mistenni minnu.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għall-4 ta' Ġunju 2013 fis-7.30pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**